## Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2016

Appell Nru: 2/2016

**Il-Pulizja**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**Moumen Trouse mgharuf bhala Mumen Traore maghruf bhala Mouman Troure u maghruf bhala Mumin Trabule'**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Moumen Trouse detentur tal-karta tal-identita bin-numru 43874 A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer fis-17 ta' Dicembru 2015 ghal habta tal- 9.55pm naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) u mill-Qorti tal-Appell Kriminali li biha inghata l-helsien mill-arrest;

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-hati bhala recidiv wara li dan kien misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Dicembru, 2015, li biha wara li rat l-artikoli 589, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu sitt xhur (6) prigunerija. Ordnat r-revoka tad-digrieti tal-helsien mill-arrest datati 9 ta' Marzu 2015 u 11 ta' Marzu 2015. Ordnat ukoll il-konfiska tas-somma ta' tmint elef, erba' mija u hamsin ewro (€8,450) kwantu ghall-ammont ta' elf ewro moghtija bhala garanzija personali fil- 11 ta' Marzu 2015, u kwantu ghall-ammonti ta' erba' mija u hamsin ewro moghtija bhala depozitu u sebat elef ewro moghtija bhala garanzija personali fid- 9 ta' Marzu 2015. Finalment il-Qorti astjeniet milli tipprovdi fuq id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali datat 19 ta' Novembru 2015.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Moumen Trouse pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Dicembru, 2015, li bih talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Dicembru, 2015 fil-kawza fl-ismijiet premessi u konsegwentment tehles lill-esponent minn kull htija u piena u fin-nuqqas, f' kaz ta' sejbien ta' htija tal-esponent, taghti dik il-piena li tkun taghmel aktar ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semghet ix-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi fit-18 ta' Dicembru 2015, l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-imputazzjoni illi fil-lejl ta' qabel naqas milli jhares l-kondizzjonijiet li bihom inghata l-helsien mill-arrest indikati *supra* u dan billi kien intercettat fejn xatt il-bahar li jinsab madwar hmistax-il minuta

boghod bil-mixi mir-residenza tieghu fl-ghaxra nieqes hamsa ta' filghaxija meta suppost kien gia rinkazat fid-disgha ta' filghaxija. L-Ewwel Qorti sabitu hati u oltre li kkundanttu ghal terminu ta' priguneriija ta' sitt xhur u ordnat il-konfiska tal-garanziji minnu maghmula, rrevokat d-digrieti moghtija mill-Qrati ghal-helsien mill-arrest tieghu;

Jibda biex jinghad illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti indikat l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali li dwaru sabet lill-appellant hati meta dan kellu jkun l-artikolu 579 subartikolu (2) tal-Kodici Kriminali. Jekk l-Ewwel Qorti riedet, kif logikament mistenni, tindika l-artikolu 579 u bi zball indikat l-589, jibqa' l-fatt illi huwa is-subartikolu tnejn tal-artikolu 579 li jirraviza r-reat kontemplat fl-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant. Is-subartikolu (1) u l-*proviso* tieghu, ghad li ghandhom element punittiv konsistenti fit-telfien favur il-Gvern ta' Malta tas-somma li tiggarantixxi l-obligazzjoni, ma johloqx *per se* reat liema reat, kif inghad huwa dak li jinsab fis-subartikolu (2). L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fis-sentenza ghandu jkun imsemmi l-artikolu jew ir-regolament tal-ligi li jikkontempla r-reat. Dan ir-rekwizit kien kostantement interpretat b'mod illi jekk dak l-artikolu jew regolament ikun jakkludi diversi subartikoli ma jkunx hemm il-htiega li l-Qorti tindika is-subartikolu jew il-paragrafu. Madankollu, l-artikolu tal-ligi indikat mill-Ewwel Qorti jirreferi ghar-rekwiziti tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali u ghalhekk ghandu jitqies li l-Ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi li dwaru kien instab hati l-appellant. Dan jammonta ghal nuqqas ta' formalita sostanzjali kif ravvizat fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 din il-Qorti qed thassar is-sentenza appellata u ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu mill-gdid;

Mill-provi mressqa, jemergi illi fis-17 ta' Dicembru, 2015 ufficcjali tal-Pulizija kienu fuq ronda taghhom u meta waslu il-Qawra fejn hemm slipway u *boathouses* raw persuna baxxuta magenb karozza li qanqlitilhom suspett u ghalhekk waqfu u hargu mill-vettura taghhom u dik il-persuna telqet tigri izda l-Pulizija lahqet mieghu u arrestatu. Aktar tard irrizulta li kien l-appellant li messu kien qieghed id-dar dak il-hin skond id-digrieti tal-Qorti hawn taht imemmija;

Illi fid-9 ta' Marzu 2015 l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati w inghata l-helsien mill-arrest pendenti l-proceduri kontra tieghu b'digriet li jgib l-istess data. Wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu, senjatament is-sitt kondizzjoni tad-Digriet tal-Qorti, kienet li ghandu jirtira fid-dar tieghu mhux aktar tard mid-disa ta' filghaxija u li ma jkunx jista' johrog qabel is-6 ta' filghodu. It-tmien kundizzjoni tad-digriet kienet li jiggarantixxi dak il-helsien b'depozitu ta' €450 flimkien ma' garanzija personali ta' €7000. Fil-11 ta' Marzu tal-2015, igifieri jumejn wara, l-appellant rega' tressaq quddiem l-istess Qorti fuq imputazzjonijiet serparati u b'digriet tal-Qorti li jgib l-istess data inghata l-helsien mill-arrest versu, *inter alia*, garanzija personali ta' €1000 u l-istess kundizzjoni ta' rinkazar fl-istess hinijiet. B'digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' Novembru 2015, l-appellant kien ukoll inghata l-helsien mill-arrest pendenti proceduri ta' appell minnu intavolati wara sejbien ta' htija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'kawza fejn ma kienx inghata l-helsien mill-arrest. Il-helsien moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali kien ukoll soggett ghal-rinkazar mid-9 ta' filghaxija sas-7 ta' filghodu u soggett ghal-garanzija personali ta' hamest elef euro;

L-appellant jirrisjedi fl-inhawi tal-Qawra/San Pawl il-Bahar u meta intercettat mill-Pulizija kien madwar hmistax-il minuta boghod mir-

residenza tieghu jekk wiehed kellu jikkalkola d-distanza bil-mixi. Meta l-Pulizija lemhu persuna, li dak il-hin ma kienux jafu min hi, din il-persuna telqet tigri u b'hekk qanqal suspett li kien qieghed jaghmel xi haga illecita meta kien baxxut mal-bieba ta' vettura ipparkjata. Minn dak li semghet il-Qorti, ma rrizultax li l-appellant kien qieghed jipprova jisraq jew jidhol f'xi vettura izda kien jaf li kien qieghed jikser il-kundizzjonijiet ta' rinkazar tieghu tant illi minflok ma waqaf u staqsa lill-ufficcjali ghalfejn riedu jkellmuh, telaq jigri. Haga din li turi li kien konsapevoli li kien jinsab hemm kontra d-dispost tad-digrieti tal-helsien mill-arrest tieghu, altrimenti ma kellux ghalfejn jikkawza l-insegwiment. Minflok li, ghall-grazzja tal-argument, ressaq xi skuzanti plawsibbli ghaliex kien qieghed hemm minflok li kien rinkazat huwa telaq jigri;

Kwantu ghall-hin li fih l-appellant kien intercettat, jemergi illi dan kien bejn l-ghaxra nieqes kwart u l-ghaxra nieqes hamsa ta' filghaxija. Mhux il-kaz illi l-Qorti tghalaq ghajnejha f'dawn ic-cirkostanzi tenut kont li apparti li l-hin ta' rinkazar gia kien skada ghall-anqas b'hamsa u erbghin minuta, xorta wahda kien ghadu hmistax-il minuta boghod mir-residenza tieghu. L-appellant kellu tlett okkazzjonijiet fejn jisma' li kien qieghed jinheles mill-arrest fuq *inter alia* l-kondizzjoni li jrid ikun gewwa r-residenza tieghu fid-9 ta' filghaxija. Naturalment kullhadd jista' jkun soggett ta' emergenza jew cirkostanza li ma jkollux kontroll fuqha u li tista' talvolta tiskuzah ghan-nuqqas tieghu izda fil-kwistjoni hawn devoluta ma ngiebet ebda tali prova u ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-appellant **Moumen Trouse mgharuf bhala Mumen Traore maghruf bhala Mouman Troure u maghruf bhala Mumin Trabule'** hati tal-fatti kif riportati fl-ewwel paragrafu ta' din is-sentenza. Konsegwentement tiddikjarah recidiv b'sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 t'Awissu 2011 konfermata minn din il-Qorti fil-15 ta' Marzu 2012;

Illi meta din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu ma tkunx marbuta bil-provvediment mahsub fis-subartikolu (7) tal-artikolu 428 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk tista′ tikkomina piena differenti minn dik erogata mill-Ewwel Qorti;

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 579(2), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' xahrejn (2). Inoltre, fit-termini tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9, tirrevoka digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Marzu 2015, dak moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Marzu 2015 u dak moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015. Tordna ukoll, fit-termini tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9, il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' tlettax-il elef, erba' mija u hamsin ewro (€13,450) kwantu ghall-ammont ta' elf ewro moghtija bhala garanzija personali fil- 11 ta' Marzu 2015, l-ammonti ta' erba' mija u hamsin ewro moghtija bhala depozitu u sebat elef ewro moghtija bhala garanzija personali fid- 9 ta' Marzu 2015 u l-ammont ta' hamest-elef ewro moghtija bhala garanzija personali fid-19 ta' Novembru 2015.